# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-5 TA' DICEMBRU 2019**

**Kawza Numru: 5**

**Rik. Gur. 607/2019 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C3177)**

**vs.**

**Jesmond Camilleri**

**(K.I. 177267M)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-rikors tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. prezentat fiz-19 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi in forza ta' kuntratt tat-30 ta' Lulju 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef, il-Bank attur ikkonċeda faċilità bankarja lill-konvenut Jesmond Camilleri konsistenti f'self, fl-ammont ta' sbatax-il elf, u mitt ewro (€17,100.00) u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur datata 26 ta' Mejju 2014 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok B);

2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet kemm tal-istess *sanction letter* kif ukoll tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenut Jesmond Camilleri huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u erbgħa u tmenin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€18,284.44), dovuta in kwantu għal ħmistax-il elf, tmin mija u ħamsa u tletin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€15,835.24) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti elfejn, erba' mija u disgħa u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,449.20) bħala imgħax ikkalkulat sas-27 ta' Mejju 2019, kif jirrizulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 14218515 immarkat bħala Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi fis-17 ta' April 2015, il-Bank attur ikkonċeda lill-konvenut Jesmond Camilleri faċilità bankarja oħra konsistenti f'self fl-ammont ta' erbat elef u tlett mitt ewro (€4,300.00) ai termini tas-*sanction letter* hawn annessa u mmarkata bħala Dok D;

5. Illi anki fuq dan il-kont, il-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter;*

6. Illi l-konvenut Jesmond Camilleri għalhekk huwa wkoll debitur tal-bank fis-somma ta' ħamest elef, mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€5,141.88) dovuta in kwantu għal erbat elf, mija u sitt ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€4,106.39) bħala bilanċ mill-kapital misluf, u r-rimanenti elf, u ħamsa u tletin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,035.49) bħala imgħax ikkalkulat sas-27 ta' Mejju 2019, kif jirrizulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 016-273260-300 immarkat bħala Dok. E, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-28 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

7. Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur tal-bank attur fis-somma globali ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€23,426.32) oltre l-imgħax ulterjuri kif spjegat;

8. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-arretrati dovuti, anki permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 29 ta' Marzu 2016 u 24 ta' Awissu 2018 (annessi bħala Dok. F u Dok G), baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenut Jesmond Camilleri huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€23,426.32) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€23,426.32) kif ukoll l-imgħax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-28 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 29 ta' Marzu, 2016 u 24 ta' Awissu 2018 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment ma din il-kawża fl-istess ismijiet premessi, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuit nonostante li ġie debitament notifikat ma ppreżentax risposta ġuramentata u għalhekk jinsab kontumaċi.

Semgħat it-testimonjanza ta' Dr Ralph Agius Fernandez tat-23 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha ikkonferma li mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna il-konvenut ma effettwa ebda pagamenti.

Rat l-atti kollha;

Rat li għalkemm fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 il-konvenut ingħata ġimgħatejn sabiex jippreżenta nota bis-sottomissjonijiet tiegħu, baqa' inadempjenti.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Mill-atti, b'mod partikolari d-dokumenti eżebiti jirriżulta sodisfaċentement illi l-konvenut huwa debitur tal-bank attur fl-ammonti reklamati u għalhekk il-Qorti qed tqis it-talbiet attriċi mistħoqqa.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi, fil-kontumaċja tal-konvenut qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi:-

(i) Tiddikjara li l-konvenut Jesmond Camilleri huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€23,426.32) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenut Jesmond Camilleri iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u għoxrin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€23,426.32) kif ukoll l-imgħax ulterjuri bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mit-28 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklużi dawk tal-ittri uffiċjali datati 29 ta' Marzu, 2016 u 24 ta' Awissu 2018 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**